Mario Micallef jikteb apprezzament għall-ħidma fejjieda ta'

# MONSINJUR ANTON MUSCAT (1911 - 1999)

Nhar il-Ħamis 1 ta' April 1999, f'Jum it-Tifkira Solenni ta' l-Ikla tal-Mulej (Ħamis ix-Xirka), tħabbret il-mewt ta' Monsinjur Anton Muscat.[1] Ir-rabta tiegħu mar-raħal ta' Ħad-Dingli seħħet fil-perjodu bejn l-1961 u l-1964 meta qeda d-dmirjiet ta' Kappillan f'din l-istess Parroċċa.

Imwieled il-Mosta nhar it-3 ta' Lulju 1911, Dun Anton Muscat kien wild Tumas u M'Concetta Borg.[2] Hu ġie ordnat saċerdot fil-31 ta' Lulju 1938. Tul dawn is-sittin sena ta' saċerdozju, hu wettaq diversi ħidmiet ta' appostolat kemm f'raħal twelidu kif ukoll f'postijiet oħra, fosthom in-Naxxar, Burmarrad, il-Kurja ta' l-Arċisqof, Ħad-Dingli u Ħal-Lija. Wara din il-ħidma siewja b'riżq il-Knisja Kattolika f'Malta, bħala apprezzament u rikonoxximent għal dan ix-xogħol li wettaq, ingħata l-onorifiċenza *Pro Ecclesia et Pontefice* (PEP), inħatar Kanonku tal-Kolleġġjata ta' Marija Immakulata ta' Bormla u Kappillan tal-Papa bit-tilu ta' Monsinjur.[3]

Għalina d-Dinglin, il-perjodu li fih Dun Anton Muscat kien il-mexxej spiritwali tal-Parroċċa tagħna għandu jinteressana b'mod partikulari. Hu ġie nominat Kappillan ta' Ħad-Dingli fl-10 ta' Ottubru 1961.[4] Wara ċ–ċerimonja tal-pussess, Dun Anton medd għonqu għax-xogħol u għal sfidi ġodda. Hu kompla fuq ix-xogħol mibdi mill-predeċessur tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-bini mill-ġdid tal-faċċata tal-Knisja Parrokkjali, xogħol ferm meħtieġ kemm biex l-istil arkitettoniku tal-faċċata jiġi jaqbel ma' dak tan-navi kif ukoll biex id-dħul għan-navi seta' jsir direttament min-naħa ta' barra tal-Knisja. Dan ix-xogħol li tlesta fil-perjodu li dam bħala Kappillan ta' Ħad-Dingli kien jikkonsisti fil-bini ta' żewġ kampnari, portiku il-ġmiel tiegħu u zuntier. Irid jingħad ukoll li Dun Anton ġab fostna statwa ta' l-injam li turi x-xbiha ta' Ommna Marija Addolorata. Din l-istatwa nħadmet f'Bolzano, fit-Tramuntana ta' l-Italja.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħidma pastorali, daħħal l-Għaqda ta' l-Ommijiet Insara u kien jagħti importanza kbira lill-viżti fil-familji. Il-predikazzjoni kienet waħda mill-kariżmi sbieħ tiegħu. Bħala membru tal-Missjoni l-Kbira għallem ħafna permezz ta' priedki u korsijiet ta' eżerċizzi u mexxa fid-direzzjoni spiritwali lil bosta persuni. Kien imfittex ukoll minn ħafna parroċċi biex jagħmel il-paniġierku tal-festa titulari.

Huma bosta dawk li jiftakru lil Dun Anton bħala saċerdot twajjeb, sinċier u ġentlom ma' kulħadd. Għalkemm hu dam fostna għal perjodu relattivament qasir, bejn l-1961 u l-1964, it-tmexxija spiritwali tiegħu bbażata fuq il-ħidma pastorali ħalliet frott kbir. Fl-aħħarnett, inħoss li ma nistgħux inħallu l-ħidma fejjieda ta' dan is-saċerdot titnesa. Jeħtieġ li issa, għalkemm Dun Anton Muscat m'għadux magħna nibqgħu niftakru fih fit-talb u nħallu tifkira xierqa tiegħu bħala apprezzament għall-ħidma tiegħu fil-Parroċċa tagħna.

---

**REFERENZI**


1. Arkivju Parrokkjali Mosta; Reġistru tal-Mewt Nru. 3, p. 204.
2. Arkivju Parrokkjali Mosta; Reġistru tal-Magħmudijiet, Vol. XII, p. 299.
3. Scerri Ivan, *Il-Mument*, il-Ħadd 2 ta' Mejju 1999, p. 26.
4. *Ħad-Dingli: 300 Sena Parroċċa (1678-1978)*, p. 35.


Nirringrazzja lil Rev. John B. Abela għat-tagħrif li tani.